IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 58

30 ta` Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

**ASSENTI B`APOLOĠIJA:**

Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 58.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti b`ittra ta` apologija tas-Sur Eman Zerafa fejn is-Sindku talab sabiex jigi skuzat minhabba ragunjiet ta` xoghol. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

### 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 57(07) u gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti Mqajma mill-Minuti**

58.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li wara li l-Kunsill talab il-parir tal-Dipartiment dwar l-ittra ta` apologija tal-Kunsillier Eman Zerafa, hija decizjoni tal-Kunsill jekk jaccetax jew le l-apologija. Il-Kunsill qabel unanimament li ma tigix accettata l-ittra ta` apologija. *(Minuti 57.1)*

58.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li laqgha mas-Sur Alfred Baldacchino kienet saret dwar il-qlugh tas-sigar tal-bandli. Wara li s-Sindku gie mistqosi mis-Sur Anton Gellel ghala l-bandli gie maghluq, is-Sur Boxall spjega li dan il-bandli gie maghluq ghal fatt li MCCAA ccetifikat li dan il-bandli mhux tajjeb jintuza peress li l-equipment huwa wiehed antik u mhux safe. Is-Sur Gellel talab sabiex dan ir-rapport jigi ppubblikat. *(Minuti 57.2.1)*

**58.3 Korrispondenza**

58.3.1 Prezentati it-tlett kwotazzjonijiet sabiex issir filmat, li ser jigi preparat ghall-konferenza li ser ssir gewwa Spanja bejn l-10 u l-14 ta` Settembru relatata mall-Gimgha Mqaddsa. Il-Kunsill qabel unanimament li jmur ghall-irhas offerta, dik ta` Three Wise Men li tammonta ghall-€801.81 inc. VAT.

58.3.2 Prezentata l-ittra ta` rizenja tas-Sinjorina Naomi Zammit, skrivana (skala 15) fuq bazi full time. Is-Sinjorina Zammit lesta li tahdem il-perjodu ta` notice, kif stipulat bil-ligi. Is-Sur John Boxall spjega li l-Kunsill ghandu jitlob lid-Dipartiment sabiex johrog zewg sejhiet ta` skrivani (skala 15) fuq bazi full time. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

58.3.3 Prezentat l-overtime li sar mill-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Lulju 2018. Il-Kunsill approvah unanimement.

58.3.4 Prezentata l-approvazzjoni tar-regularizazzjoni tal-garaxx tal-Kunsill li jinsab fiz-zona ta` Fuq  tal-Hawli. Is-Sur John Boxall spjega li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill japplika ghall-compliance tad-dawl u l-ilma.

58.3.5 Prezentata korrispondenza dwar progett li jaqa` taht in-Networks of Towns, fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu. Il-lead partner huma agenzija minn Slovenia.

58.3.6 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar il-progett tal-cables tad-dawl fil-Birgu, fejn il-Kunsill nforma lill-Ministru bid-diffikultajiet u problemi kbar li qeghdin jintaghqu maghhom il-haddiema tal-Enemalta. Il-Kunsill talab sabiex jekk dejjem huwa possibli l-Ministru jintervjeni f`din is-sitwazzjoni.

58.3.7 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz dwar l-access imblukkat fil-garaxx tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-attegjament li ntwera minn naha tas-Socjeta lejn il-Kunsill kien wiehed disprecjativ u hass li kien ikun ahjar li kieku saret telefonata milli hafna emails,

u b`hekk is-sitwazzjoni kienet tittranga ahjar. Is-Sur Anton Gellel jghid li l-Kunsill gie mgharraf li l-hadid tal-plancier ma jistghax jidahhal qabel il-garaxx qabel is-16 t`Awwissu minhabba li l-banda ser idoqq gewwa Ghawdex ftit jiem wara l-festa.

58.3.8 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva mis-Sindku tal-Belt ta` Maruggio l-Italja dwar stedina sabiex delegazzjoni mill-Birgu nhar il-25 ta` Awwissu 2018 tmur izur il-Belt ta` Maruggio sabiex b`hekk tibda l-hidma biex issir gemmellagg bejn iz-zewg t`ibliet.

58.3.9 Prezentata Cirkulari SPI10-2018 dwar Restawr ta` Postijiet Storici, fejn is-Sindku propona li l-Kunsill ghal darb`ohra jerga` japplika ghar-restawr tal-faccatta tal-Berga ta` Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

58.3.10 Prezentat progett bl-isem *"Best-Goal"* fejn il-lead partner hija l-belt ta` Mielno fil-Polonja. Dan il-progett huwa taht il-programm Europe for Citizens u ser ssir bejn it-22 u 26 ta` Awwissu 2018. Ghal dan il-progett is-Sur Boxall stieden lill-Vici Sindku biex jirraprezenta l-Kunsill u flimkien mieghu jitilghu erbgha zghazagh ohra jirraprezentaw il-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

58.3.10 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-backup ta` Sage u tal-Antivirus mill-kumpanija DSI. Dawk prezentati qablu unanimament mall-kwotazzjonijiet.

58.3.11Mibughta korrispondenza dwar progett bl-isem "Cities protecting European Cultural Heritage". Il-Kunsill wera l-interess f`dan il-progett.

**58.4 Birgufest 2018**

58.4.1 Prezentata l-kwotazzjoni ta` soprano Georgina Gauci u arpista Jacob Portelli li tammonta ghall-€400 sabiex jaghtu l-performancce taghhom is-Sibt 13 ta` Ottubru 2018 fil-Birgufest 2018. Din il-kwotazzjoni giet approvata unanimament.

58.4.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill gie avvincat mill-kumpanija Zfin Malta sabiex jiehdu sehem fil-Birgufest ta` din is-sena. Is-Sur Boxall zied jghid li waqt laqgha

li kellu flimkien ma` rapprezentata minn Zfin Malta giet l-idea li jaghmlu parti mill-progett il-gdid li ser ssir fi Triq it-Torri ta` San Gwann.

58.4.3 Is-Sindku talab sabiex nhar il-Hamis 2 ta` Awwissu fit-tlieta u kwart ta` wara nofsinhar issir laqgha fuq l-attivita tal-Birgufest.

Fis-18.30hr is-Sindku talab sabiex il-laqgha tigi fi stat ta` kumitat ghall- ghaxar minuti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**58.5 Jum il-Birgu 2018**

58.5.1 Is-Sur John Boxall staqsa jekk hemmx xi nominazzjonijiet ghall Jum il-Birgu. Is-Sur Trevor Mizzi nomina s-Sur Boxall fejn spjega li anke gie avvicinat minn xi ghaqda li xtaqet li dan il-gieh is-Sindku. Is-Sur Lawrence Attard nomina s-Sur Dennis Darmanin u s-Sur Anton Gellel inomina lis-Sur Censu Demanuele u s-Sur Salvu Attard. Dwar dan ma ttiehdet l-ebda decizjoni.

58.5.2 Is-Sur John Boxall spjega li l-inawgurazzjoni tal-ktieb bl-isem "Four Walks – Birgu" kien ser ssir nhar il-Gimgha fis-sebgha ta` filghxija (7:00pm) fil-Berga tal-Ingliterra fil-31 ta` Awwissu 2018. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**58.6 Approvazzjoni tat-Tender tal-Perit**

Din ma gietx diskussa peress li l-bord ta` evalwazzjoni ma ntaqax.

**58.7 Sejha ghall-offerti tal-Gbir tal-Skart Domestiku u tas-Servizz tal-Knis**

58.7.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li fil-gimghat li gejjin ser jinhareg it-tender ta` dawn iz-zewg servizzi. Spjega wkoll li l-Kunsill kellu laqgha ma` rapprezentati mill-WasteServ Malta dwar il-gbir tal-skart ograniku li ser jibda fis-sehh mill-ahhar ta` Ottubru 2018.

**58.8 Bye Law dwar attivitaijiet fi spazju pubblici**

58.8.1 Is-Sindku informa lil dawk prezenti li ghadu qieghed jara xi dettalji ohra li jixtieq li jzied f`din il-bye law sabiex mbghad tigi pprezentata fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**58.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

58.9.1 IS-Sur John Boxall talab sabiex is-Segretarju Ezekuttiv saqsi lis-Sur Noel Castillo jekk l-attivita li ser ssir nhar id-9 t`Awwissu fuq il-Belvedere fi Triq San Lawrenz hux ser tkun miftuha ghall pubbliku kollu, peress li dakinhar ikun hemm il-loghob tan-nar.

**58.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

**58.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4280 sa` BOV 4306 fejn cekk numru 4304 gie kkanccellat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 18 ta` Lulju 2018 sa` 30 ta` Lulju 2018.

Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda ta` Pagamenti tal-Petty Cash ghax-xahar ta` Lulju 2018. Il-Kunsill approva b`mod unanimu l-iskeda ta` pagamenti.

**58.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u hamsa ta` filghaxija (8.05pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 21 ta` Awwissu 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 5 ta` Settembru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Trevor Mizzi<br>Vici-Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |